# INĦOBBOK, VJOLA!

Inħobbok, vjola!
għaliex il-lbies li bih narak sabieħa
jaqbel mal-lbies ta' qalbi
ħiemda, ħienja w mistrieħa.

Tferraħni, vjola!
xħin nilmħek, ċkejkna, tlewwen wiċċ il-qiegħa,
għax tqanqal fiha l-ħajja
tal-jiem sbieħ tar-rebbiegħa.

Tgħaxxaqni, vjola!
meta narak fil-weraq mistoħbija,
għaliex inxebbħek tfajla
bi ġmielha stess mistħija.

Ingħożżok, vjola!
m'hux lewnek biss w il-benna ta riħitek
jiġbduni w isaħħruni,
togħġobni wkoll ċkunitek.

Inħobbok, vjola!
w inħobbok aktar ferm mill-ward ta' mejju;
tħennini wisk fwiħitek
aktar mix-xamm tal-plejju.

Togħġobni, vjola!
aktar mill-qronfol daqs id-demm ħamrani,
aktar mill-ward tal-ġizi
daqs it-tajjar bajdani.

Għax vjola, meta nsieħlek!
inħoss ġo qalbi jidwi w iħenniha
isem min ħadli 'l qalbi
fil-milja tar-rebbiegħa.

KARM. VELLA

Fl-ewwel jum tar-rebbiegħa
1933